

**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000089/2015**

**lill-Kummissjoni**

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**Enrique Calvet Chambon**

f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: Il-ġlieda kontra l-inugwaljanza biex tingħata spinta lit-tkabbir fl-UE

F'organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-OECD u l-FMI hemm kunsens dejjem akbar dwar il-ħtieġa li tiġi indirizzata ż-żieda fit-tul tal-inugwaljanza fid-dħul li qed tagħmel ħsara lit-tkabbir ekonomiku. L-inugwaljanza fil-pajjiżi tal-OECD qiegħda fl-ogħla livell li qatt kienet minn mindu bdew jinżammu r-reġistri, u qed tqajjem mhux biss tħassib soċċali u politiku, iżda wkoll tħassib ekonomiku, peress li din għandha impatt negattiv fuq it-tkabbir tal-PDG, li jkejjel il-livell ġenerali tal-attività ekonomika.

B'mod partikolari, ir-rapport tal-OECD bit-titolu "In it Together: Why Less Inequality Benefits All" jenfasizza li "tnaqqs tal-inugwaljanza b'punt Gini wieħed jittraduċi ruħu f'żieda tat-tkabbir kumulativ ta' 0.8 % matul il-ħames snin ta' wara". Fi kliem ieħor, tkabbir tal-PDG reali u dejjiemi, f'dan l-istadju, jista' jinkiseb aħjar f'ambjent fejn hemm aktar ugwaljanza.

Naturalment, l-inugwaljanza kibret b'rati differenti skont iż-żoni partikolari tal-Ewropa. Madankollu, dan l-iżbilanċ jista' jxekkel it-tkabbir u jfixkel il-proġett Ewropew kollu. Huwa xieraq li jiġi kkwotat ir-rapport imsemmi hawn fuq: "L-isfida, għalhekk, hija li jinstabu pakketti ta' politika xierqa li jiffavorixxu lit-tkabbir u kif ukoll li jnaqqsu l-inugwaljanza".

Analiżi tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2015 u tal-linji gwida politiċi tiegħu tissuġġerixxi li t-tnaqqis tal-inugwaljanza ekonomika ma jidherx li huwa wieħed mill-miri jew l-strumenti tal-programm. Għalhekk, ir-rati ta' tkabbir li jistgħu jinkisbu mill-UE fis-snin li ġejjin jistgħu jiġu serjament imnaqqsa.

Il-Kummissjoni temmen li l-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2015 jindirizza biżżejjed it-tnaqqis fit-tkabbir li jinħoloq minn inugwaljanzi dejjem akbar fost iċ-ċittadini Ewropej? Jekk iva, tista' tispeċifika taħbi liema politiki u taħbi liema intestaturi l-kwistjoni hija inkluża fil-programm?

Il-Kummissjoni se tqis l-inklużjoni ta' politiki speċifċi li jistgħu jippermettu lill-UE timxi 'l quddiem lejn l-objettiv li jiffavorixxi t-tkabbir ekonomiku billi titnaqqas l-inugwaljanza fil-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2016, u jekk iva, tista' tispeċifika x'miżuri huma previsti?

Imressqa: 16.7.2015

Mgħoddija: 20.7.2015

L-iskadenza għażi-tweġiba: 27.7.2015